Kategoriji: Kollaborazzjoni bejn Skola-Familja-Komunità

# Studju fuq l-involviment tal-ġenituri

SCIREARLY



Sett ta' għodod edukattivi

## Prattiċi ta' tagħlim b'suċċess biex it-tfal kollha jirnexxu

# SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative





## Rikonoxximent

**L-awturi** ta' dan id-dokument u l-imsieħba ta' dan il-proġett huma:
l-Universita' ta' Deusto, Spanja (Koordinatur tal-proġett)
KMOP – Ċentru għall-familja u l-kura tat-tfal, il-Greċja
Ministeru tal-Edukazzjoni, Xjenza u l-Innovazzjoni, il-Portugal
CESIE, l-Italja
l-Universita' ta' Dublin City, l-Irlanda
Red Barnet , Kollaborattiva ma' MHPSS Collaborative, id-Danimarka
l-Universita' ta' Porto, il-Portugal
l-Universita' ta' Malta, Malta
L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ġenituri, il-Belġju
L-Universita' ta' Ħelsinki, il-Finlandja
L-Universita' ta' Newcastle Upon Tyne, ir-Renju Unit

© Copyright 2024

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt il-“Creative Commons Attribution 4.0 International License (CC BY-NC-SA 4.0).

Data tal pubblikazzjoni: 2024

Immaġini użati taħt il-liċenzja ta' Shutterstock.com

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta’ Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta’ Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarja-ment jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

# Kategoriji: Kollaborazzjoni bejn Skola-Familja-Komunità



# Introduzzjoni

Dan is-sett ta' għodod, "Prattiċi ta' Tagħlim b'suċċess biex it-Tfal kollha jirnexxu," huwa riżorsa prattika li turi kif jistgħu jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ta' suċċess fil-klassijiet, skejjel, u komunitajiet. Dan jgħin lill-għalliema u l-Kapijiet tal-iskejjel jibnu spazji ta' tagħlim effettiv li jappoġġjaw studenti u jwasslu biex l-istudenti li qed ibatu biex jitgħallmu, itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, u jiżviluppaw il-ħiliet soċjali u emozzjonali tat-tfal. Dan is-sett ta' għodda huwa bbażat fuq għoxrin każ ta' studju minn disa' pajjiżi Ewropej, li joffri strateġiji prattiċi li ħadmu fi skejjel fil-prattika.

Dawn il-każijiet ta' studju ġejjin minn Skejjel Primarji u Sekondarji madwar l-Ewropa li għenu b'suċċess studenti li ma kellhomx suċċess u ipprevena t-tluq bikri mill-iskola. Ir-riċerka saret fi skejjel differenti madwar il-Portugal, l-Irlanda, il-Finlandja, id-Danimarka, Spanja, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit, u Malta. Minn dawn l-iskejjel, ġbarna prattiċi konkreti li jtejbu kemm it-tagħlim akkademiku kif ukoll l-iżvilupp soċjo-emozzjonali.

Is-sett ta' għodda huwa organizzat madwar ħames oqsma ewlenin ta' ambjenti ta' tagħlim li huma ta' suċċess:

- Pedagoġiji
- Interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti
- Kollaborazzjoni bejn il-ħbieb
- Kollaborazzjoni bejn l-iSkola, il-Familja u l-Komunità
- Saħħa fiżika, mentali u benesseri soċjali u Appoġġ

Filwaqt li kull għodda hija klassifikata f'wieħed minn dawn l-oqsma, ħafna mill-għodod jaħdmu f'oqsma differenti. Pereżempju, il-"Gruppi Interattivi" mhux biss jgħinu lill-istudenti jaħdmu flimkien, iżda wkoll biex jingħaqdu mal-komunità, jappoġġja l-benesseri tagħhom, kif ukoll itejjeb ir-riżultati akkademiċi tagħhom.

Huwa importanti li wieħed jifhem li l-iskejjel l-aktar ta' suċċess jużaw ħafna għodda flimkien. Filwaqt li kull għodda tista' tgħin meta użata waħedha, l-aħjar riżultati jinkisbu minn ħidma fil-ħames oqsma fl-aspetti tal-iskola kollha. Nirrakomandawlkom li tħarsu lejn l-affarijiet tajbin attwali tal-iskola tiegħek u l-oqsma fejn hemm bżonn ta' titjib biex jgħinkom tagħżlu l-aktar għodod utli għas-sitwazzjoni tal-iskola tagħkom.

Dan is-sett ta' għodda huwa disponibbli fuq pjattaforma onlajn f'sebà lingwi: Spanjol, Portugiż, Ingliż, Finlandiż, Malti, Grieg u Taljan. L-għodda kollha ġew ippruvati u żviluppati bir-reqqa permezz ta' ko-kreazzjoni dijaloġiku ma' kważi elf parteċipant fil-proġett SCIREARLY, inkluż edukaturi fl-iskejjel, studenti, familji, u membri tal-komunità.

L-għan tagħna huwa li nagħtu lill-edukaturi u lill-komunitajiet l-għodda li għandhom bżonn biex jgħinu lil kull tifel u tifla jirnexxu fl-iskola. Qegħdin naqsmu dawn il-prattiċi ta' suċċess minn ambjenti ta' tagħlim differenti b'mod aċċessibbli, qed naħdmu biex noħolqu skejjel fejn it-tfal kollha jkunu jistgħu jirnexxu, irrispettivament mill-isfond tagħhom.



# Glossarju

It-taqsima tal-glossarju hija essenzjali f'dan is-sett ta' għodod għax tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' termini u kunċetti ewlenin li tiżgura li dawk kollha li jużawha, inklużi l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, l-esperti tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, u l-membri tal-komunità, jistgħu jifhmu bis-sħiħ u jimplimentaw b'mod effettiv il-prattiċi ta' tagħlim b'suċċess.

Din it-taqsima tgħin biex tnaqqas kwalunkwe nuqqas ta' ftehim fit-terminoloġija użati u tassigura ftehim konsistenti li tagħmilha aktar faċli li jiġu applikati sew dawn l-istrateġiji bbażati fuq l-evidenza u hekk iwasslu għal titjieb fir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

## Tagħlim Dijaloġiku

It-tagħlim Dijaloġiku jenfasizza djalogu u interazzjonijiet ta' kwatlta' bħala l-mezz primarju biex jintlaħaq ftehim, tagħlim u żvilupp. L'għan tat-tagħlim u l-fehem dijaloġiku huwa li jinħoloq ambjent fejn l-istudenti, l-għalliema u l-membri l-oħra kollha tal-komunità jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fi djalogu sinifikanti u rispettuż. Dawn huma xi wħud mill-prinċipji ewlenin:

Li jiġi jiżgurat li l-vuċijiet ta' kulħadd ikunu stmati bl-istess mod, u li kulħadd ikollu l-opportunità biex jikkontribwixxi għad-djalogu. Dan jinkoraġġixxi perspettivi diversi u jiżgura li l-vuċijiet kollha jinstemgħu.

Ir-rikonoxximent tal-valur tal-isfond kulturali u l-esperjenzi tal-istudenti u l-għalliema kollha. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim aktar inklussiv.

Jassigura li l-interazzjonijiet dijaloġiċi fost l-istudenti, u bejn l-għalliem u l-istudent, u fi ħdan il-komunità jippromovu trasformazzjoni soċjo-kulturali u l-aħjar kundizzjonijiet għat-tagħlim u l-iżvilupp.

Li jkun hemm ko-kostruzzjoni ta' tifsira u fehim permezz ta' djalogi bejn studenti u għalliema. Dan il-proċess kollaborattiv jgħin biex japproffondixxi l-komprensjoni u r-ritenzjoni ta' informazzjoni.





Jibni sens ta' komunità u appoġġ reċiproku fost l-istudenti u l-għalliema. Dan il-prinċipju jrawwem kollaborazzjoni u responsabbiltà kollettiva għat-tagħlim.

Jassigura rispett u għarfien ta' differenzi fost l-istudenti u l-għalliema. Id-djalogu għandu jiċċelebra d-diversità u jużaha bħala riżorsa għat-tagħlim, jinkoraġġixxi l-ħsieb kritiku u jisfida lil kulħadd biex jaħseb fil-fond u jagħrbel suppożizzjonijiet.

## Dimensjoni Emozzjonali

Tagħraf l-importanza ta' relazzjonijiet ta' kwalità fit-tagħlim. Prattiċi ta' suċċess joħolqu ambjent ta' appoġġ fejn l-istudenti u l-għalliema jħossuhom siguri, appoġġati u kunfidenti meta jesprimu l-emozzjonijiet u l-esperjenzi tagħhom.

## Tagħlim Awtentiku

Jiżgura li d-djalogu u t-tagħlim huma rilevanti għall-esperjenzi u l-kuntesti tal-ħajja li jgħixu l-istudenti u l-għalliema. Dan jagħmel it-tagħlim aktar sinifikanti u applikabbli.

## 'Translanguaging'

Meta persuna titkellem b'lingwa waħda filwaqt li persuna oħra twieġeb b'oħra.

## Klassijiet ta' Akkoljenza

Klassijiet fejn tfal b'lingwa materna oħra jkunu fi klassijiet speċjalizzati fejn jintuża t-'translanguaging' biex jgħin lit-tfal jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti - bil-ħsieb li t-tfal jidħlu fis-sistema edukattiva hekk kif jiksbu profiċjenza fil-lingwa tal-pajjiż.



# Studju fuq l-involviment tal-ġenituri



## Ħarsa ġenerali

L-istudju tal-każ huwa stabbilit fi skola primarja tal-istat li tinsab fiż-żona tal-Port ta' ġewwa ta' Malta, reġjun immarkat minn riġenerazzjoni urbana rapida u realtajiet soċjoekonomiċi baxxi minkejja s-sinifikat tagħha bħala ċentru finanzjarju u tan-negozju. L-iskola taqdi popolazzjoni kkaratterizzata minn tnaqqis storiku fir-residenti u bidla fid-demografija soċjoekonomika, b'persentaġġ notevoli tal-komunita' li tgħix fl-akkomodazzjoni soċjali u li tirċievi l-benefiċċji soċjali. B'popolazzjoni ta' madwar 150 student, fil-biċċa l-kbira Maltin, l-iskola hija mnissla f'komunita' fejn l-edukazzjoni hija milquta mill-isfidi soċjoekonomiċi taż-żona, bħall-illitteriżmu għoli u r-rati tal-qgħad meta mqabbla mal-medji nazzjonali. Minkejja dawn l-intoppi, l-iskola rat titjib fil-kisba akkademika f'dawn l-aħħar snin.

L-involviment tal-ġenituri u dak Komunitarju huwa importanti f'dan il-kuntest. Matul dawn l-aħħar ħames snin, l-isforz kontinwu tal-iskola iffukat biex jiżviluppa kultura ta' involviment tal-ġenituri u tal-komunitajiet dehru bħala fattur affidabbli u li jikkontribwixxi għas-suċċess tal-iskola biex tipprovdi b'mod sodisfacenti għall-ħtiġijiet ħolistiċi tal-istudenti tagħha, inklużi dawk li huma vulnerabbli u li ġejjin minn sfond ta' familja żvantaġġata. Dawn l-isforzi kollettivi u sostnuti inizjalment ġibdu l-parteċipazzjoni ta' ftit ġenituri – madankollu, imbagħad kibret b'mod konsistenti l-parteċipazzjoni aktar sħiħa tal-familji fejn il-ġenituri issa huma impenjati f'attivitajiet skolastiċi u jieħdu rwol attiv biex jaħdmu id f'id mal-iskola biex jiżguraw it-tagħlim u l-benesseri tat-tfal. L-iskop ta' dan l-istudju ta' każijiet huwa li jesplora r-rwol tal-involviment tal-ġenituri u tal-komunitajiet fit-tisħiħ tar-riżultati edukattivi fi skola primarja tal-istat li tinsab f'żona soċjoekonomika baxxa ta' Malta. B'mod speċifiku, għandha l-għan li teżamina kif l-iskola trawwem relazzjonijiet mal-familji u l-komunita' biex ittejjeb il-kisba tal-istudenti minkejja l-isfidi soċjoekonomiċi.

Involviment aħjar tal-ġenituri: l-iżvilupp ta' relazzjoni aktar b'saħħitha u aktar kollaborattiva bejn l-iskola u l-familji, li twassal għal involviment ogħla tal-ġenituri fl-edukazzjoni.

Il-kisba mtejba tal-istudenti u t-tnaqqis tal-assenteiżmu: Bit-trawwim tar-rabtiet bejn id-dar u l-iskola u bl-involviment tal-komunita', l-iskola għandha l-għan li ttejjeb ir-riżultati akkademiċi għall-istudenti tagħha u li tnaqqas ir-rati ta' assenteiżmu għal dawk il-familji li ma jibagħtux lil uliedhom l-iskola.

Appoġġ Komunitarju msaħħaħ: Il-formazzjoni ta' sħubija ma' organizzazzjonijiet u professjonisti lokali biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ addizzjonali, bħal programmi ta' wara l-iskola u servizzi soċjali.

Ambjent ta' skola inkluživ: Il-ħolqien ta' kultura skolastika inklużiva li tirrispetta r-realtajiet soċjoekonomiċi tal-komunita' u tinvolvi b'mod attiv lill-ġenituri fl-inizjattivi tal-iskola.

## Passi ta' implimentazzjoni

**Preparazzjoni:**

minħabba livell edukattiv baxx jew esperjenzi negattivi tal-passat. L-ippjanar għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet huwa wkoll kruċjali, b'workshops immirati biex jagħtu s-setgħa lill-ġenituri biex jappoġġaw aħjar l-edukazzjoni ta' wliedhom.

1

**Implimentazzjoni:**

L-iskola tal-istudju tal-każ tiżgura involviment effettiv tal-ġenituri u tal-komunitajiet permezz ta' firxa ta' strateġiji implimentati tajjeb iffukati fuq il-bini ta' relazzjonijiet, miri edukattivi kondiviżi, u użu tar-riżorsi Komunitarji. It-tmexxija tal-iskola tippromwovi l-"ethos" ta' ftuħ u kompassjoni, filwaqt li tagħraf u tiċċelebra d-diversita' tal-komunita' lokali u talloka riżorsi biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn id-dar u l-iskola. Is-sħubija Komunitarja tappoġġja aktar l-iskola billi joffru tagħlim privat, programmi ta' wara l-iskola, u servizzi soċjali. Barra minn hekk, workshops għall-ġenituri, bħal korsijiet ta' litteriżmu u dawk edukattivi, jgħinu biex il-familji jiġu involuti aktar fil-fond fit-tagħlim ta' wliedhom. L-iskola testendi wkoll l-isforzi tagħha lil hinn mill-klassi, u tilħaq familji vulnerabbli jew diżimpenjati permezz ta' żjarat fid-djar u appoġġ personalizzat biex jiġi indirizzat l-assenteiżmu. Proġetti u inizjattivi Komunitarji lokali li jaqblu mal-interessi tal-ġenituri, bħal ġranet speċjali tal-familja u avvenimenti kollaborattivi bħall-programm "Adotta granny", jinkoraġġixxu involviment aktar attiv tal-ġenituri. Fl-aħħar nett, l-iskola tagħti eżempju pożittiv permezz ta' relazzjonijiet b'saħħithom fost l-għalliema, l-involviment tal-ġenituri fid-definizzjoni ta' għanijiet edukattivi komuni, u l-ħidma kollaborattiva ma' professjonisti u esperti biex jiġu żgurati riżultati ta' suċċess.

2

**Monitoraġġ u evalwazzjoni:**

L-istrateġiji għall-involviment tal-ġenituri u tal-komunitajiet fl-iskola tal-istudju tal-każijiet huma mmonitorjati u evalwati permezz ta' proċess strutturat li jiżgura l-effettivita' tagħhom u jwassal għal parteċipazzjoni aħjar tal-familja/ġenituri u impenn komunitarju. Dan jibda billi jiġu stabbiliti għanijiet INTELLIĠENTI, bħaż-żieda fl-attendenza tal-ġenituri b'20% fis-sena skolastika li jmiss. Mudell ċar huwa żviluppat biex jgħaqqad ir-riżorsi li diġa' huma wżati (finanzjament, persunal, materjali), attivitajiet (workshops, laqgħat, programmi ta' voluntiera), dak li ntlaħaq (rati ta' attendenza għal-laqgħat), riżultati (attendenza u prestazzjoni mtejba tal-istudenti), u l-impatti fit-tul bħall-benesseri mtejjeb tal-istudenti u l-kisba akkademika. L-involviment ta' dawk interessati huwa ċentrali għal dan il-proċess, li jinvolvi l-ġenituri, l-għalliema, il-mexxejja tal-iskejjel, u l-membri Komunitarji permezz ta' gruppi ta' fokus, stħarriġ, u intervisti biex jinġabar kontribut u jinbena kunsens. L-indikaturi ewlenin, bħar-rati ta' parteċipazzjoni, il-livelli ta' sodisfazzjon, u r-riżultati tal-istudenti, huma traċċati, u d-deċiżjonijiet meħuda mid-data jittieħdu abbażi ta' din l-informazzjoni. L-iskola tiffoka wkoll fuq is-sostenn ta' inizjattivi ta' suċċess u l-esplorazzjoni ta' modi differenti kif dawn il-programmi jiġu estiżi għal skejjel oħra, li jikkontribwixxu għal sforz nazzjonali ta' titjib edukattiv.

3



# Eżempji u Studji ta' każi:

F'dan l-istudju tal-każ, skola komunitarja żgħira implimentat b'suċċess sensiela ta' inizjattivi mmirati biex trawwem involviment akbar tal-ġenituri u impenn komunitarju, li jirriżultaw f'impatti pożittivi fuq l-impenn u l-kisba tal-istudenti. Il-ħsieb wara dawn l-isforzi **kien tmexxija** b'saħħitha misSenior Leadership Team (SLT), inkluż il-kap tal-iskola u l-assistenti kapijiet, li għamlu l-involviment tal-ġenituri u tal-komunita' prijorita' ewlenija. Matul l-aħħar ħames snin, l-iskola żviluppat ambjent inklusiv billi allinjat l-attivitajiet mal-interessi u l-isfondi kulturali tal-ġenituri. Dan wera li kien ta' benefiċċju biex tiżdied b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni fil-laqgħat u l-avvenimenti.

Strateġija ewlenija minnhom kienet l-użu ta' **mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli u miftuħa**, li jiżguraw li kemm il-ġenituri kif ukoll l-għalliema jkunu fl-istess paġna rigward l-għanijiet u d-deċiżjonijiet edukattivi. L-aġġornamenti regolari, il-fuljetti, u l-laqgħat bejn il-ġenituri u l-għalliema jintużaw biex irawmu l-fiduċja, filwaqt li jħeġġu lill-ġenituri jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Dawn l-isforzi ntlaqgħu b'suċċess, bħalma nnota ġenitur wieħed, "Meta tlabt l-għajnuna, kulħadd għenni. Il-fatt li hija skola żgħira tgħin ħafna f'dawn l-affarijiet." Dan is-sens ta' komunita', imsaħħaħ mill-bini effettiv tar-relazzjonijiet, kien strumentali fil-ħolqien ta' ambjent ta' appoġġ għall-familji.

Biex tindirizza sfidi bħal attendenza baxxa f'taħditiet u workshops edukattivi, l-iskola bidlet l-offerti tagħha biex tinkludi attivitajiet **kulturalment rilevanti, ħinijiet flessibbli tal-laqgħat, u avvenimenti ċċentrati fuq il-komunitajiet**, bħat-tombla li hija popolari. Bħalma osserva għalliem, "hawn jekk torganizza tombla, jiġu, imma jekk tagħmel taħdita għall-ġenituri, ftit jattendu, forsi tużżana mill-iskola kollha." Dan wassal għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti li jaqblu aktar mal-interessi tal-ġenituri filwaqt li xorta ħolqu opportunitajiet għall-impenn fil-ħajja skolastika. L-iskola ospitat ukoll programmi favur il-familja bħal workshops tal-litteriżmu u jiem ta "adotta granny", li jippermettu lill-ġenituri u lit-tfal jikkollaboraw b'modi divertenti u sinifikanti, li jkomplu jsaħħu l-konnessjoni bejn id-dar u l-iskola.

Minkejja sfidi bħal nuqqas ta' interess okkażjonali mill-ġenituri jew kunċetti maħsuba minn qabel dwar il-valur tal-edukazzjoni, l-iskola kompliet tagħmel progress billi tindirizza dawn l-attitudnijiet b'mod dirett. **Il-komunikazzjoni miftuħa u l-appoġġ personalizzat** kienu kruċjali biex jingħelbu l-ostakli. Pereżempju, iż-żjarat fid-djar u l-konverżazzjonijiet individwali ntużaw biex jintlaħqu familji li jistgħu jħossuhom maqtugħin mill-iskola, u dan jgħinhom jifhmu kif l-involviment tagħhom huwa ta' benefiċċju dirett għat-tagħlim u l-aspirazzjonijiet futuri ta' wliedhom. Il-ġenituri issa huma aktar lesti li jattendu avvenimenti u laqgħat importanti fl-iskejjel, li jwasslu għal attendenza u impenn imtejba kemm mill-istudenti kif ukoll mill-familji tagħhom.

Sfida oħra kienet l-ilmenti dwar ix-xogħol tad-dar eċċessiv u l-workloads żbilanċjati, li kkawżaw stress għall-istudenti u tħassib fost il-ġenituri. L-iskola wieġbet billi adottat approċċ aktar individwalizzat għall-ammont ta' xogħol, iffukat fuq il-vjaġġi edukattivi ħolistiċi tal-istudenti u naqqset ix-xogħol tad-dar biex tħeġġeġ interazzjonijiet pożittivi tal-familja. Barra minn hekk, il-preżenza ta' għalliema ġodda jew mhux kwalifikati biżżejjed wasslet għal dubji dwar il-kompetenza, li taffettwa l-fiduċja tal-ġenituri. Biex tindirizza din l-isfida, l-iskola tippromwovi komunikazzjoni miftuħa, trasparenza, u tuża prattiki ta' monitoraġġ u ta' riflessjoni biex tappoġġa l-iżvilupp tal-istaff, filwaqt li tiżgura allinjament mal-etos u l-istandards tat-tagħlim tal-iskola.

L-impenn tat-tim ta' tmexxija li jrawwem kultura ta' **kollaborazzjoni u appoġġ reċiproku** fost l-istaff għandu wkoll rwol kruċjali fis-suċċess tal-iskola. L-għalliema jħossuhom appoġġati u rikonoxxuti mill-SLT, li timmotivahom biex jaħdmu b'mod kollettiv lejn miri edukattivi kondiviżi. Kif stqarr għalliem minnhom, "bħala komunita' żgħira, naraw għalliema jaħdmu tajjeb flimkien, u dan jagħti eżempju għat-tfal. Jekk naħdmu tajjeb flimkien, jaħdmu tajjeb flimkien ukoll." Dan l-etos kollaborattiv jestendi għall-ġenituri, u jsaħħaħ l-importanza li jaħdmu flimkien għall-benefiċċju tal-istudenti.

L-enfasi tal-iskola fuq il-provvista ta' programmi mfassla apposta u l-indirizzar ta' sfidi sistemiċi bħan-nuqqas ta' għalliema kienet essenzjali wkoll fl-iżgurar ta' suċċess fit-tul. Il-ġenituri esprimew sodisfazzjon bl-isforzi tal-maniġment biex joffri programmi inklużivi u aċċessibbli, li jaħsbu għall-irxa usa' ta' interessi u ħtiġijiet. Dan l-approċċ, flimkien ma' evalwazzjoni kontinwa u feedback mill-ġenituri, jiżgura li l-inizjattivi jibqgħu rilevanti u effettivi.



## Benefiċċji

**Benesseri u tagħlim tal-istudenti mtejba:**

l-approċċ ħolistiku tal-iskola jenfasizza r-rabta qawwija bejn il-benesseri tal-istudenti u s-suċċess akkademiku. L-istudenti jħossuhom siguri, appoġġati, u li għalliema tagħhom jieħdu ħsiebhom sew, u b'hekk joħolqu ambjent li jwassal għat-tagħlim. Sens ta' sigurta' u kuntentizza fl-iskola huwa fundamentali għall-ħila tagħhom biex jiffukaw fuq ħidmiet akkademiċi. Għalliem wieħed enfasizza dan l-impatt, u nnota li "jekk naħdmu tajjeb flimkien, se jaħdmu tajjeb ukoll flimkien," u ġibed l-attenzjoni għall-eżempju pożittiv li għamlu l-edukaturi għall-istudenti.

**Komunikazzjoni b'saħħitha u fiduċja mal-ġenituri:**

Komunikazzjoni effettiva bejn l-iskola u l-ġenituri kienet fattur ċentrali fit-trawwim tal-fiduċja u l-kollaborazzjoni, li wassal għal involviment u parteċipazzjoni tal-ġenituri mtejba. Il-mexxejja tal-iskola ħadmu ħafna biex toħloq interazzjonijiet sinifikanti mal-ġenituri, u għenithom jifhmu l-importanza tal-involviment tagħhom fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Ġenitur esprima s-sodisfazzjon tiegħu, u qal, "Meta tlabt l-għajnuna, kulħadd għenni. Il-fatt li hija skola żgħira tgħin ħafna f'dawn l-affarijiet."

**Sinerġija bejn l-iskola, il-ġenituri, u l-istudenti**:

sħubija b'saħħitha bejn l-iskola, il-ġenituri, u l-istudenti kienet integrali għas-suċċess tal-istudenti. It-tim tat-tmexxija jaħdem mill-qrib mal-ġenituri biex jibni l-fiduċja u jżomm linji miftuħa ta' komunikazzjoni. Din il-kollaborazzjoni kontinwa hija essenzjali hekk kif il-komunitajiet jinbidlu, u studenti u familji ġodda jingħaqdu mal-iskola. Kif innota assistent kap, "interazzjonijiet aktar frekwenti u sinifikanti jappoġġaw riżultati edukattivi aħjar," li juru l-importanza li tinżamm din is-sinerġija għal titjib kontinwu.

**L-indirizzar tal-isfidi li għaddejjin bħalissa:**

Minkejja l-progress li sar, l-iskola tirrikonoxxi li għad hemm sfidi, bħal nuqqas ta' għalliema, bullying, u riżorsi limitati għal studenti bi bżonnijiet addizzjonali. It-tmexxija hija impenjata li tindirizza dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tifhem li huwa meħtieġ sforz kontinwu biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-ġenituri japprezzaw it-trasparenza u d-dedikazzjoni tal-iskola għas-soluzzjoni tal-problemi, anke peress li jesprimu tħassib dwar oqsma li jeħtieġu titjib.





## Suġġerimenti għas-suċċess

**Ingaġġa lill-ġenituri kmieni u spiss:** involvi lill-ġenituri fl-attivitajiet tal-iskola mill-bidu tas-sena skolastika. Organizza sessjonijiet ta' ħidma jew sessjonijiet ta' orjentazzjoni biex jispjegaw l-għanijiet, l-aspettattivi, u kif il-ġenituri jistgħu jipparteċipaw fit-tagħlim ta' wliedhom.

**Tħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema:** toħloq opportunitajiet għall-kollaborazzjoni permezz ta' laqgħat li jistabbilixxu l-għanijiet fejn kemm l-għalliema kif ukoll il-ġenituri jaqblu dwar l-għanijiet edukattivi għall-istudenti. Tippromwovi s-soluzzjoni konġunta tal-problemi meta jinqalgħu l-isfidi, filwaqt li tiżgura approċċ uniku.

**Torganizza avvenimenti kulturalment rilevanti:** tippjana attivitajiet u avvenimenti tal-iskola li jaqblu mal-kultura u l-valuri komunitarji. Pereżempju, jospitaw ċelebrazzjonijiet lokali, jiem ta' apprezzament kulturali, jew attivitajiet iffukati fuq il-familja li jiġbdu aktar ġenituri lejn l-ambjent tal-iskola.

## Riżorsi addizzjonali

https://educationendowmentfoundation.org.uk/education-evidence/guidance-reports/supporting-parents

## Konklużjoni

Dan l-istudju ta' każi juri li t-trawwim tal-involviment tal-ġenituri huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tat-tfal, il-kisba u l-benesseri tal-istudenti. Permezz ta' komunikazzjoni miftuħa, avvenimenti kulturalment rilevanti, appoġġ individwalizzat, u kollaborazzjoni b'saħħitha bejn il-ġenituri, l-għalliema, u l-mexxejja tal-iskejjel, l-iskejjel jistgħu joħolqu ambjent inklużiv u ta' appoġġ fejn l-istudenti jirnexxu. Billi jiffukaw fuq il-benesseri kemm tal-istudenti kif ukoll tal-edukaturi, itejbu kontinwament il-prattiki permezz tad-data, u jingranaw ir-riżorsi Komunitarji, l-iskejjel jistgħu jibnu relazzjonijiet twal mal-familji. L-adozzjoni ta' dawn l-istrateġiji mhux biss issaħħaħ l-esperjenza edukattiva iżda toħloq ukoll komunita' skolastika aktar koeżiva u impenjata fejn kull tifel u tifla jkunu jistgħu jilħqu u jmorru lil hinn mill-potenzjal tagħhom.

SCIREARLY

**Politika u prattiċi bbażati fuq riċerka xjentifika biex jitnaqqas in-numru ta' studenti fl-Ewropa b'nuqqas ta' ħiliet u t-tluq bikri mill-iskola.**

Red Barnet, MHPSS Collaborative

Dan il-proġett irċieva finanzjarjament mill-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni Horizon tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 101061288. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.